

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Settembru 2009 (Każ R 1706/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn McDonald's International Property Co. Ltd u Comercial Losan, SLU.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Comercial Losan, SLU hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 24, 30.1.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Lulju 2012 — Deutscher Ring vs UASI (Deutscher Ring Sachversicherungs-AG)

(Kawża T-209/10) (¹)

(Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Deutscher Ring Sachversicherungs-AG — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)

(2012/C 243/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Deutscher Ring Sachversicherungs-AG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: E. Busse, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Marzu 2010 (Każ R 1290/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Deutscher Ring Sachversicherungs-AG bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-11 ta' Marzu 2010 (Każ R 1290/2009-1) hija annullata.
- (2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 179, 3.7.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2012 — Constellation Brands vs UASI (COOK'S)

(Kawża T-314/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Trade mark Komunitarja verbali COOK'S — Assenza ta' applikazzjoni għat-tiġdid ta' trade mark — Tħassir tat-trade mark mal-iskadenza tar-reġistrazzjoni — Talba għal restitutio in integrum — Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 243/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Constellation Brands, Inc. (Fairport, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: B. Brandreth, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Botis u V. Melgar, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' April 2010 (Każ R 1048/2009-1), sa fejn din ħadet it-talba tar-rikorrenti għal restitutio in integrum.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Constellation Brands, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 260, 25.9.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2012 — Interkobo vs UASI — XXXLutz Marken (my baby)

(Kawża T-523/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva my baby — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti MYBABY u trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti mybaby — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' produzzjoni ta' provi bil-lingwa tal-proċedimenti tal-oppożizzjoni — Aspettattivi leġittimi — Regola 19(3), Regola 20(1) u Regola 98(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95”)

(2012/C 243/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Interkobo sp. z o.o. (Łódź, il-Polonja) (rappreżentanti: R. Skubisz u K. Ziemiński, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)